# ALLA! ALLA!

Lil LEWIS F. MIZZI, LL.D., C.M.G.

Lejla ta' Mejju ta' fwieħa u għaxqa
fuq ġonna għonja b'weraq u ward,
b'das-sema tiegħek ikħal sewdieni
b'xita ta' kwiekeb jiddu fuq l-art,

kif issaħħarni. Għajn minn tal-hena
din il-qalb tiegħi bik tarġa' ssir:
tnaqqasli żmieni b'ħolm ta' l-imħabba
li magħhom ħsiebi dlonk hieni jtir.

Iżda quddiemek, ja lejla, waħdi
f'sikta miksura biss mit-tektik
ta' demmi f'qalbi, ta' ħsiebi f'moħħi
kemm ħwejjeġ għandi jien x'nistaqsik!

'Imnejn dil-fwieħa? dal-kwiekeb? jiena?
għalfejn dan kollu? minn liema jiem?
sakemm hekk jibqgħu dal-ħwejjeġ kollha?
x'kien li waqqafhom? x'se' jkun it-tmiem?

Igħaddu minn moħħi l-għorrief kittieba
li fuqhom ħilti żagħżugħ għaddejt
biex xefaq wieħed nikxef tad-dalma
li taħbi kollox... u xejn ma swejt...

Iżda quddiemi dal-lejl ta' Mejju,
għaliex nistħajjel li għandi ktieb
miftuħ għal kollox biex kollox nifhem
minngħajr tbatija ta' ħidma u ħsieb?

Nifhem u għax nifhem fit-trab ninxeħet
ġismi jitriegħed, qima natik.
Ħallieq ta' kollox, tgħarrafni kollox,
Sidi Mulejja, l-għerf ġewwa fik.

**C. M. B.**

# TQASSIR GĦALL-KITBA MALTIJA

B'tifkira tal-Kav. Gużè Muscat-Azzopardi.

*Nibdew inġibu bil-qalb kollha dan ix-xogħol sabiħ tal-ħabib tagħna s-sur Fredu Nicholas, M.S.D.S. tal-Kajr. Dan ix-xogħol juri kif wieħed, billi jqassar u jħalli barra xi ittri, jista' jikteb bil-malti f'qasir żmien u hekk, jekk mhux ilaħħaq għal kollox ma' min ikun jitkellem, ikun, għal l-anqas, jista' jżomm il-bċejjeċ meħtieġa ta' dak li jkun intqal. Biex id-diskorsijiet jiġu meħudin kollha hemm l-Istenografija u din nafu li ġa ġiet imressqa u msewwija għall-malti fi tliet sistemi: Pitman, Sloan u Greig. B'dana kollu dan it-Tqassir tas-sur Nicholas jista' jiswa ħafna għal min ikun irid jieħu noti ta' xi diskors.*

Dan ix-xogħol hu mwaqqaf fuq l-ortografija tal-*Għaqda*. Jimxi fuq dawn ir-reguli ewlenin:

1. Li jitneħħew l-ittri li ma jinħassux.
2. Li titneħħa, waħda minn ittri doppji.
3. Li jitneħħew id-daxxijiet u l-apostrofi.
4. Li jitneħħew il-vokali ħfief.
5. Li tingħażel ittra waħda biex toqgħod flok kliem jew biċċiet ta' kliem.
6. Li jingħaqdu xi kliem.
7. Li jinqata' kliem twil fuq l-ewwel jew it-tieni sillaba.

## L-EWWEL TAQSIMA

### ALFABET

*KONSONANTI.*

b, ċ, d, f, ġ (ġandar) g (gendus) ħ, j, k (kieku)
l, m, n, p, q (qòrq) r, s, t, v, w, x, z.

a) Il-"h" fejn tidħol fl-ortografija iżda *ma tinsamàx fil-leħen* ma teħtieġx li tinkiteb.

b) Il-Għ (għajn) hija wkoll imneħħija minn dan l-Alfabêt, f'lokha nistgħu ninqdew bil-vokali bl-aċċent twil.